



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2022
(OR. en, fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0171(COD)

9433/22
ADD 1

CONSOM 130
MI 422
COMPET 398
EF 146
ECOFIN 501
DIGIT 105
CODEC 784
CYBER 190

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kreditu għall-konsumatur <i>Approċċ ġenerali</i> <i>- Dikjarazzjoni konġunta mill-Estonja u mil-Litwanja</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni konġunta mill-Estonja u mil-Litwanja rigward il-proposta dwar il-kreditu għall-konsumatur.

**Dikjarazzjoni tal-Estonja u l-Litwanja għall-minuti tal-COREPER u tal-Kunsill
Kompetittività rigward id-Direttiva dwar il-Krediti għall-Konsumatur**

L-Estonja u l-Litwanja jilqgħu l-oġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni li timmodernizza u ssaħħaħ ir-regoli dwar il-kreditu għall-konsumatur sabiex jiġu indirizzati l-bidliet li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni filwaqt li jinholq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u jiġi meġġjun il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Madankollu, dan għandu jinkiseb permezz ta' bilanċ raġonevoli li fost affarijiet oħra jevita piż bla bżonn fuq il-kummerċjanti u interferenza sproporzjonata fi swieq li jiffunzjonaw tajjeb.

F'dan il-kuntest, aħna nilqgħu t-test ta' kompromess finali tal-Presidenza Franċiża, għaliex hemm ħafna aspetti li jieħdu kont ta' dawn il-prinċipji sottostanti. Madankollu, mill-bidu tajna l-appoġġ tagħna biex neskludu krediti mingħajr imġhax u mingħajr ebda imposta oħra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva kif inhu l-każ bħalissa. Fil-fehma tagħna, l-inklużjoni ta' dawn it-tipi ta' krediti ġġib magħha piż sproporzjonat għall-kummerċjanti u għall-awtoritajiet superviżorji u tista' ċċaħħad lill-konsumaturi minn offerti ta' benefiċċju għalihom. Għalkemm konna nippreferu approċċ aktar ambizzjuż f'dan ir-rigward, nistgħu nappoġġaw it-test, li jippermetti l-applikazzjoni ta' reġim proporzjonat u xi esklużjonijiet immirati ta' dan it-tip ta' krediti.

Għalhekk, aħna nħeġġu li jiġi ppreservat il-bilanċ delikat li ksibna u li nikkunsidraw l-argumenti msemmija hawn fuq matul in-negożjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew.